MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 731/2003

**Charles Michael Gauci**
**Vs**
**Alfred Vella u Xemxija Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur huwa l-inkwilin tal-fond Natasha, Telgha tax-Xemxija, San Pawl il-Bahar bhala aventi kawza ta’ missieru Paul David Gauci li miet fl-14 ta’ Ottubru 1998;

Premess illi permezz ta’ ftehim datat 2 ta’ Jannar 1993 (Dok. CG1) il-konvenuti kienu gew inkarigati bhala *substitute* sabiex jmexxu ghan-nom ta’ l-inkwilin in-negozju mill-fond fuq imsemmi;

Premess illi fiz-zmien li l-post kien fid-detenzjoni tal-konvenuti, hallewh imur lura minghajr ma saret l-ebda manutenzjoni;

Premess illi wara l-mewt ta' missieru, l-attur sejjah lill-konvenuti sabiex jivvakaw u jirritornaw ic-cwievet tal-fond in kwistjoni, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Permess illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bl-ismijiet Charles Michael Gauci vs Alfred Vella proprio et noe (Citaz. Nru. 248/99GV) (Dok. CG2) u deciza fil-31 ta' Mejju 2000, il-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-konvenut minn gewwa l-fond. Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002. Il-Qorti kkonfermat ukoll li kull ftehim li seta' kien hemm bejn il-konvenuti u l-aventi kawza ta' l-attur spicca *"mal-mewt tal-istess Paul Gauci"*;

Premess illi kien biss fil-11 ta' Lulju, 2002, li l-attur rega ha l-pussess tal-fond Natasha, Xemxija Hill, Xemxija u dan wara li gie ezegwit il-mandat ta' zgumbrament numru 182/02 fl-ismijiet Charles Michael Gauci vs Alfred Vella proprio et noe;

Premess illi minhabba l-agir tal-konvenuti l-attur sofra diversi danni, li jinkludu telf ta' qliegh u avvjament, hlas ta' kera lill-Kummissarju ta' l-Artijiet meta ma setax jaghmel uzu mil-fond, spejjez ghal tindif tal-post, spejjez ghal tiswija ta' hsarat fil-fond, spejjez ghax-xiri ta' makkinarju u apparat gdid, spejjez ta' vjaggar fil-perjodu meta kienet pendenti l-kawza fl-ismijiet fuq premessi;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-agir taghhom.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Gunju 2001, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepixxa preliminarjament:

1. Preliminarjament, l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni stante li Alfred Vella u Xemxija Hotels Limited ipprezentaw talba ghal ritrattazzjoni fi stadju ta’ appell, liema talba ghadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

2. Preliminarjament, l-attur m’ghandux ‘locus standi judicii’ peress li l-fond Natasha jappartjeni lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet u, in vista tad-divjiet assolut dwar sullokazzjoni, cessjoni, trasferiment, ecc., l-uniku individwu li ghandu ‘locus standi judicii’ huwa l-Kummissarju ta’ l-Artijiet.

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tisma’ din il-kawza peress li l-attur, li qed jokkupa l-fond Natasha li l-proprjetarju tieghu huwa l-Kummissarju ta’ l-Artijiet, kien ipprojbit milli jcedi, iwelli jew xort’ ohra jiftiehem ma’ terzi dwar il-gestjoni ta’ dan il-fond. L-ebda Qorti ma tista’ tenforza jew bi kwalunkwe mod tkun tidher li qed taghti assistenza f’kazi ta’ obbligazzjonijiet li jkunu saru illegalment.

4. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, in-nullita’ tac-citazzjoni stante li skond is-sentenza li qed jistrieh fuqha l-attur, l-eccipjent kien ‘substitute’ – kif ammess mill-attur stess. Ghalhekk, l-eccipjent kellu ‘jithallas’ mill-aventi kawza ta’ l-attur, kif fil-fatt gara. L-attur gie rikonoxxut fl-istess posizzjoni ta’ l-aventi kawza tieghu l-mejjet missieru.

5. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, in-nullita' tac-citazzjoni peress li hija msejjsa fuq premessa falza u inveritjiera, u dan stante li l-attur ma kienx proprjetarju ta' l-attrezzi li kien hemm fin-Natasha, difatti kien hemm inventarju ta' l-oggetti li ma kienux ta' l-attur.

6. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, illi l-gudizzju mhux integru peress li Vincent Zahra kellu t-tmexxija tal-lokal Natasha u dan jafu sewwa l-attur, difatti l-attrezzi li jidhru f'uhud mir-ritratti (e.g. cooker hood u dishwasher) jappartjenu lil Vincent Zahra u thallew hekk minnu stess. Ghalhekk Vincent Zahra ghandu jigi msejjah fil-kawza.

7. Fil-meritu u bla pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-data tallum fuq it-tieni eccezzjoni;
Rat in-noti tal-osservazzjonjiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

Illi l-eccezzjoni in disamina hija fis-sens li l-attur "m' ghandux locus standi judicii peress li l-fond Natasha jappartjeni lill-Kummissarju ta' l-Artijiet u, in vista tad-divjet assolut dwar sullokazzjoni, cessjoni, trasferiment ecc.. [sic!].."[1]

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li l-abbrivjazzjoni "ecc" ma ghandha jkollha ebda sinifikat f' nota tal-eccezzjonijiet, u l-konvenuti ghandhom jghatu spjegazzjoni cara u <u>kompleta</u> ta' dak li qed jeccepixxu. Multo magis fil-kaz odjern fejn id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, intiza fil-ligi sabiex tispjega f' aktar dettal il-kontenut tal-eccezzjonijiet,

[1] Fol.56

hija riproduzzjoni fidila, inkluza l-abbrivjazzjoni “ecc”, tal-eccezzjoni.

Illi in sostanza l-versjoni tal-konvenuti hija fis-sens li, gjaladarba l-fond de quo huwa proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta, u kien mikri lill-awtur tal-attur f’ liema kirja kien hemm vietata s-sullokazzjoni, cessjoni jew l-formazzjoni ta’ partnership minghajr il-kunsens tal-Gvern[2], u gjaladarba din il-kondizzjoni giet, skond l-istess konvenuti, miksura bil-ftehim

li kien sar bejn Paul David Gauci [missier l-attur] u l-konvenuti fit-2 ta’ Jannar 1993; u ghalhekk gjaladarba r-rapport guridiku li nholoq permezz ta’ din l-iskrittura kien wiehed illegali, allura l-azzjoni tal-attur “tinvolvi lil din l-Onorabbli Qorti fl-enforzar ta’ ftehim li sar in kontravvenzjoni tal-ftehim ta’ lokazzjoni mal-Gvern ta’ Malta.” U wkoll “Min jikkommetti xi inikwita’ ma jistax jitlob l-assistenza tal-Qorti biex jenforza ftehim illegali.”[3] Jghid ukoll li “Fi kliem iehor hawnhekk ghandna citazzjoni bbazata fuq causa illecita.”[4]

Il-Qorti wara li ezaminat l-atti u d-dokumenti esebiti hija tal-fehema li dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenuti huma rrilevanti ghal kaz odjern, stante li l-pretensjoni attrici ma tinvolvi ebda enforzar ta’ ftehim, imma hija talba ghad-danni bazata principalment fuq il-premessa ta’ okkupazzjoni illegali tal-konvenuti tal-fond de quo, nonostante li l- izgumbrament taghhom kien gie ordnat bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell citata fl-att tac-citazzjoni. L-attur jippremetti li l-konvenuti baqghu inadempjenti sal-11 ta’ Lulju 2002 f’ liema data l-attur rriprenda pussess tal-fond rizultat ta’ esekuzzjoni ta’ mandat ta’ zgumbrament.

Mill-premess jirrizulta car li t-talbiet attrici, apparti l-hsara materjali rekata fil-fond u fil-makkinarju, jippresupponu it-terminazzjoni tal-ftehim precitat, u mhux l-enforzar tieghu.!; kif ukoll okkupazzjoni illegali tal-fond de quo

[2] Vide - Klawsola 16 kif kwotata mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom.
[3] Fol.72 nota tal-osservvazzjonijiet
[4] Fol.73

wara din it-terminazzjoni. Ghalhekk l-azzjoni odjerna ma tistax titqies, li tinvolvi lil din il-Qorti fl-enforzar ta’ ftehim illegali, liema ftehim jinsab terminat.

Illi konsiderazzjoni ohra li tkompli jddghajjef is-sottomissjonijiet tal-konvenuti, temani mill-fatt li gie gudizzjarjament stabbilit li r-rapport guridiku li kien jezisti bejn il-konvenuti u l-awtur tal-attur kien dak ta’ mandat li minn natura guridika tieghu ntemm mal-mewt tal-mandant. “Fil-fatt Paul David Gauci ma kien ta l-ebda drittijiet lill-appellant [konvenuti] kien tah biss inkarigu li jintemm mal-mewt ta’ min inkarigah.” [App.C. Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe. 14.01.2002]. Minn imkien ma jirrizulta deciz jew stabbilit li l-ftehim de quo kien illegali kif sostnut mill-konvenuti.

Illi in kwantu ghall-hsara pretiza fil-fond u fil-makkinarju u hsara ohra kaggjonata lill-attur, wara t-terminazzjoni tal-mandat, il-pretensjoni attrici ssib il-bazi legali taghha fid-dispost tal-Artikolu 1031 li jistipula li: “.. kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigi bi htija tieghu.” Dan naturalment japplika wkoll ghad-danni l-ohra pretizi mill-attur, inkluzi dawk konsistenti f’ telf ta’ qligh u avvjament minhabba l-agir tal-konvenut wara t-terminazzjoni tal-ftehim. In kwantu ghaz-zmien meta l-mandat kien ghadu in vigore, il-posizzjoni hi regolata bid-dispost tal-Artikolu 1874[1] u d-disposizzjoniet relattivi ghall-istitut tal-mandat.
In vista tal-premess, kif ukoll stante li d-danni pretizi mill-attur huma danni sofferti minnu u mhux mill-Kummissarju tal-Artijiet, il-Qorti tikkonsidera t-tieni eccezzjoni insostenibblifil-fatt u fid-dritt.
Ghaldaqstant tirrispingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez, tordna l-kancellament tal-ittri “ecc..” minn-nota tal-eccezzjonijiet [fol.56] u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------